**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birzebbuga**

## Laqgħa Nru. 26-07/2016

Data: 22 ta' Settembru 2016

Hin: 5.30pm

Post: Uffiċju Amministrattiv, Kunsill Lokali Birzebbuga

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Joe Cutajar (JC) | – *Viċi Sindku* |
| | Joe Baldacchino (JB) | - *Kunsillier* |
| | Leanne Grech (LG) | - *Kunsillier* |
| | Josette Busuttil (JBD) | - *Kunsillier* |
| | Herman Schiavone (HS) | - *Kunsillier* |
| | Stanley Zammit (SZ) | - *Kunsillier* |
| | Svetlick J Flores | –*Segretarju Eżekuttiv* |
| Skużati: | Amanda Vella | - Ambaxxatriċi Lokali taż-żagħżagħ |
| Assenti: | - | |
| Pubbliku | 1 | |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Korrispondenza;
5. Mistoqsijiet lis-Sindku;
6. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati;
7. Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji;
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet;
9. Offerti Pubbliċi
10. Proġetti
11. Traffiku u parkeġġ

12. Indafa u Ambjent
13. Ġonna, Parks, u Soft areas
14. Utilitajiet u Servizzi
15. Infrastruttura
16. Attivitajiet
17. Materji oħra
18. Aġġornament.

**N.B.**

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li fil-ġranet li għaddew, irriżenja is-Sur Kevin Barun, kemm minn Sindku, kif ukoll minn Kunsillier.

Is-Segretarju Eżekuttiv, għamel referenza għal artiklu 31 tal-Att dwar il-Kunsilli u informa li s-Sindku jintagħżel minn fost il-Kunsillieri fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill li jmiss wara l-vakanza.

Fid-dawl ta dan, is-Segretarju Eżekuttiv, wara rakkomandazzjoni ukoll mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, talab sospensjoni tar-regolament, sabiex ikun jista' jimtela il-post vakanti ta Sindku, u jekk ikun il-każ, ta' Viċi Sindku. Il-Kunsill qabel unanimament.

Għaldaqstant il-Kunsill qabel li l-laqgħa ssir b'din l-aġenda.

1. Hatra ta Sindku - Aċċettazzjoni tal-Hatra tas-Sindku
2. Hatra ta Viċi Sindku - Aċċettazzjoni tal-Hatra tal-Viċi Sindku
3. Indirizz tas-Sindku
4. Hatra ta' Kumitat / Sotto-Kumitati / Assenjazzjoni tar-Responsabiltajiet
5. Aġġornament.

**Minuti - 26-07/2016**

## 1. Ħatra ta Sindku – Aċċettazjoni ta Ħatra ta Sindku

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv għamel referenza għal artiklu 25 ta Kapitlu 363, u informa li fil-kariga ta Sindku joqgħod dak il-persuna li jkun ġab l-għola att ta' voti fl-aħħar elezzjoni minn fost il-kandidati tal-partit politiku li f'dawk l-elezzjonijiet ikun ġab il-maġġoranza tal-kunsillieri ta dak il-Kunsill u f'każ illi s-Sindku jispiċċa mill-kariga matul it-terminu tal-Kunsill, il-post ta' Sindku għandu jimtela' minn dik il-persuna tal-istess partit li tkun ġabet l-akbar ammont ta voti fl-ewwel għadd wara s-Sindku li jkun jispiċċa mill-kariga.

1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsillier li jissodisfa dan il-provvediment huwa huwa l-preżenti Viċi Sindku, Is-Sur Joe Cutajar.

1.3. Is-Sur Joe Cutajar aċċetta l-kariga ta Sindku, u għaldaqstant ġie iddikjarat bħala s-Sindku tal-Kunsill Lokali ta Birżebbuġa.

1.4. Il-membri preżenti flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, għan nom tal-Uffiċju Amministrattiv, awguraw il-ħidma t-tajba lis-Sindku.

## 2. Ħatra ta Viċi Sindku – Aċċettazzjoni ta' Ħatra ta' Viċi Sindku.

2.1. Is-Sindku JC irrimarka li, b'riżultat ta Materja numru wieħed tal-Aġenda, il-post ta Viċi Sindku gie vakanti.

2.2. Skont id-dispożizzjonijiet ta Artiklu 25 2 (b), Fil-każ li l-post ta' Viċi Sindku jiġi vakat, għandu jiġi, maħtur bħala Viċi Sindku dak il-Kunsillier tal-partit li jkollu l-maġġoranza assoluta ta' Kunsillieri fil-Kunsill Lokali li jkun ġab l-akbar ammont ta' voti (l-ewwel preferenza) wara dak il-Kunsillier li kien qed jokkupa l-kariga ta' Viċi Sindku.

2.3. Is-Sindku JC irrimarka li l-Kunsillier li jissodisfa dan il-provvediment huwa l-preżenti Viċi Sindku, Is-Sur Joseph Baldacchino.

2.4. Is-Sur Joseph Baldacchino aċċetta l-kariga ta Viċi - Sindku, u għaldaqstant ġie iddikjarat bħala l-Viċi-Sindku tal-Kunsill Lokali ta Birżebbuġa.

2.5. Il-membri preżenti flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, għan-nom tal-Uffiċju Amministrattiv, awguraw il-ħidma t-tajba lil Viċi Sindku.

## 3. Indirizz tas-Sindku

3.1. Is-Sindku JC ħa l-opportunita biex irringrazzja lis-Sindki li servew fil-kariga tul l-aħħar żminijiet.

3.2. Is-Sindku talab lil Kunsillieri biex jaħdmu għal ġid tal-lokalita u mhux jaraw il-Kunsill bil-bandiera tal-partit politiku li huma jirrappreżentaw.

## 4. Dekasteri.

4.1. Is-Sindku informa li d-dekasteri ser jiġi imqassma fil-laqgħa li ġejja, wara li jiġi elett il-Kunsillier il-ġdid, sabiex b'hekk ikun jiġi ikkunsidrat il-abbiltajiet ta kull individwu, ir-riżorsi disponibbli u dak li li hemm bżonn li jsir.

4.2. Il-Kunsill HS talab li l-Kunsilliera jingħataw l-għodda u r-riżorsi neċessarji sabiex ikunu jistaw jaħdmu fid-dekasteri li ser jiġu assenjati lilom.

4.3. Is-Sindku JC irrimarka li dawn il-punti ser jiġi ikkunsidrati. Huwa irrimarka ukoll li hemm bżonn tiżdied iktar il-komunikazzjoni, kemm internament, kif ukoll mar-residenti, sabiex b'hekk jitjieb is-servizz.

## 5. Aġġornament tal-laqgħa

5.1. Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 10 ta' Ottubru 2016 fil-5.30pm. .

**Il-laqgħa intemmet fid-6.00 p.m**

[Iffirmat] [Iffirmat]

*Joseph Cutajar*
*Sindku*

*Svetlick Flores*
*Segretarju Eżekuttiv*

Data:_______________